MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2004

Numru. 229/2002

**Il-Pulizija**
**(Sp. Joseph Mercieca)**

**V**

**Joseph Zahra ta’ 47 sena, iben Joseph u Grazia nee Zammit, imwieled Mqabba fil-5.02.1956, u li joqghod Zaraville, Triq l-Arloggar, Luqa, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 164456(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Joseph Zahra li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, fix-xhur qabel it-18 ta' Ottubru, 1997 bhala detentur jew amministratur ta' fond taht kostruzzjoni fil-bidu ta' Triq Parades, San Pawl il-Bahar b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' kwantita' t'ilma liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u ammont.

Il-Qorti giet gentilemnt mitluba sabiex tapplika l-artikolu 533 (1) tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali procecduri.

Rat li hu hallas dak dovut lill-Korporazzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat l-artikoli 261,  263, 267, 270 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tqis li l-piena idonea ghandha tkun l-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitlu 446 u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-llum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------